Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 98/2018/1

**Alexander Valenzia**
**(appellant)**

**Vs**

**Ingrid Valenzia u Zack Valenzia**
**(appellati)**

24 ta' Ġunju, 2019.

1. **L-attur appella minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta' Jannar 2019 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-kompetenza kienet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).**

2. Mill-atti jirriżulta li:-

2.1. Permezz ta' rikors preżentat fl-24 ta' April 2018, ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tordna lill-intimati jħallsuh is-somma komplessiva ta' ħdax-il elf u għoxrin Ewro (EUR 11,020) rappreżentanti manteniment żejjed imħallas minnu lill-intimati jew min minnhom, a benefiċċju ta' Zack Valenzia meta l-istess Zack Valenzia ma kienx intitolat għalih stante li ma baqax jissodisfa l-kondizzjonijiet tad-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-30 ta' Mejju 2013 u dan billi l-istess Zack Valenzia f' Ġunju 2015 waqaf milli jsegwi kors ta' studju *full-time*. Bl-ispejjeż kif ukoll bl-imgħax bl-ogħla rata permessibbli bil-liġi mid-data tal-avviż sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjez tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppeżentat kontestwalment mal-avviż.

2.2. L-intimati wieġbu illi: (i) preliminarjament *ai termini* tal-Art 22(1) tal-Kap 16, min ikun ta l-manteniment m'għandux jedd jitlob lura wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għaliha kien obbligat għall-manteniment; (ii) preliminarjament ukoll il-qorti m'hijiex kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi

l-pretensjonijiet marbuta ma' manteniment peress li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja); (iii) preliminarjament ukoll bejn il-partijiet hemm kawża ta' separazzjoni, li tinkludi talbiet għall-manteniment għal Zack Valenzia u ċioe' r-rikors numru 104/2009 RGM pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u għaldaqstant hemm lok għas-soprasessjoni ta' din il-kawża; (iv) preliminarjament ukoll jekk ir-rikorrenti deherlu li kellu jikkontesta l-ħlas tal-manteniment li kien obbligat li jħallas, kellu allura f'dak l-istadju jagħmel il-proċeduri apożiti ai termini ta' l-Art 54(9) tal-Kap. 16 u mhux jibqa' jħallas il-manteniment biex imbagħad jitlob lura l-ħlas li sar minnu u jippretendi li din il-Qorti tagħtih widen; (v) f'kull każ jiġi rilevat illi Zack Valenzia li llum għandu tlieta u għoxrin sena, jbaghti mill-kundizzjonijiet spina bifida u kif ukoll ta' hydrocephalus li huma kundizzjonijiet li jsarrfu f'diżabilita' serja fizika permanenti li tillimita l-persuna milli tipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjeta' ai termini ta' l-Art 2 tal-Kap 413, b'dan illi ai termini tal-Art 3B tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta hemm l-obbligu tal-manteniment fuq ir-rikorrenti nnifsu li jkompli jħallas l-manteniment għal ibnu, liema obbligu m'huwiex ċirkoskritt bl-eta' u l-uniku fattur determinanti jkun it-test impost mil-Liġi tal-possibilità tal-wild li jmantni lilu nnifsu. Tant hu hekk illi l-Perit Legali imqabbad fil-kawża 104/2009 RGM, Dr Keith Borg fir-rapport minnu espletat dwar il-kawża ta' separazzjoni preċitata kien diga' ddetermina illi '*Ma hemmx assolutament ebda dubju li Zack Valenzia huwa affett minn diżabilita', liema diżabilita' taqa' taħt id-definizzjoni fuq riportata. Lanqas ma hemm provi fl-atti li juru li huwa raġonevolment possibbli li l-istess Zack Valenzia jmantni lilu nnifsu. Iben il-kontendenti li jgħix flimkien ma' ommu l-attriċi huwa għalhekk intitolat li jirċievi manteniment mingħand il-konvenut.*' Dwar il-*quantum* tal-manteniment, l-istess Perit Legali ddetermina li r-retta alimentari li r-rikorrenti għandu jħallas versu l-ħtiġijiet ta' Zack Valenzia għandu jkun fis-somma ta' €350 fix-xahar li għandu jmur ukoll versu l-ispejjez mediċi ta' natura ordinarja tiegħu. Għalhekk m'hemm l-ebda manteniment li għandu x'jitħallas b'lura, anzi jekk xejn ir-rikorrent għandu jħallas manteniment u mhux jitħallas lura tiegħu; (v) f'kull każ l-ebda ammont m'hu dovut.

2.3. B'sentenza tal-31 ta' Jannar 2019 dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimati u li minħabba n-natura tal-materja nvoluta u tal-proċedura ta' separazzjoni bin-numru ta' referenza 104/2009 RGM pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), iddeċidiet li m'hijiex il-*forum* kompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi.

3. B'rikors preżentat fid-19 ta' Frar, 2019 l-attur appella mis-sentenza. Igħid li l-ppreżenta l-kawża għaliex waħda mill-kondizzjonijiet *ad validitatem* għall-pagament tal-manteniment ma baqgħetx fis-seħħ u għalhekk l-obbligu tal-manteniment waqaf *ipso jure*. Isostni li l-appellati kienu in *mala fede* meta żammu mistur il-fatt li Zack Valenzia kien waqaf jattendi istituzzjoni edukattiva. Għalhekk, ipproċeda a tenur tal-artikolu 1028A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li m'hijiex il-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) biex tiddeċiedi fuq azzjoni ta' arrikkiment inġust u żgur li din l-azzjoni ma tinkwadrax ruħha fl-artikolu 9 tal-Avviż Legali 397/2003 u b'hekk huma l-qrati ċivili ġenerali li għandhom il-kompetenza jisimgħu l-każ. L-appellant jgħid ukoll li f'kull każ, *dato ma non concesso* li l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-interpretazzjoni tat-tieni eċċezzjoni minnu sollevata, hija kellha l-obbligu tirrinvija l-atti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex dik il-Qorti tieħu konjizzjoni tal-każ a tenur tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. L-appellati wieġbu li l-appell in diżamina ma jimmeritax li jiġi akkolt.

**Konsiderazzjonijiet.**

5. It-talba tal-attur hi bbażata fuq is-segwenti digrieti interlokutorji mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) waqt il-kawża ta' separazzjoni bejnu u l-intimata[1]:

- digriet datat 30 ta' Mejju 2013 li permezz tiegħu l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat, '*li l-manteniment pendente lite ordnat bid-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' April 2009 fir-rigward ta' bejn il-partijiet, Zack Valenzia, li għalaq it-tmintax-il sena fil-25 ta' Jannar 2013,* ***għandu jibqa' jitħallas mill-konvenut lill-attriċi sakemm Zack Valenzia jkompli jirrisjedi mal-attriċi u jsegwi kors ta' studju full-time u sakemm jagħlaq tlieta u għoxrin sena, u dan b' effett mill-25 ta' Jannar 2013***'.

- digriet mogħti *seduta stante* fis-16 ta' Novembru 2017 li bih il-qorti, wara li l-attriċi ddikjarat li għalkemm Zack Valenzia għadu qed joqgħod magħha huwa m'huwiex student *full time*, issospendiet '*b'effett immedjat il-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attriċi fir-rigward ta' binhom Zack Valenzia.*'

[1] Rik. Ġur. 104/2009n fl-ismijiet ***Valenzia Ingrid Pro Et Noe Vs Valenzia Alexander*** preżentement pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Superjuri)

6. **L-attur qiegħed jitlob li jitħallas lura dak il-manteniment li ħallas *pendente lite* għall-ibnu l-konvenut, iġifieri minn Ġunju 2015 (data li qal li l-konvenut waqaf milli jsegwi kors ta' studju full-time) sas-16 ta' Novembru 2017 (data li fiha l-qorti tal-familja ssospendiet il-ħlas tal-manteniment).**

7. Madanakollu, ir-rikorrent isostni li l-pretensjoni tiegħu hija waħda bbażata fuq l-artikolu 1028A tal-Kodiċi Ċivili:

> *'1028A. (1) Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura ujikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna.(2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevihhuwa marbut li jagħti lura l-oġġett in natura jekk dan ikun għadujeżisti fil-mument tat-talba.*

8. Kif qalet il-Qorti fil-każ ***Josephine Gusman vs Anthony Agius et*** deċiż fil-21 ta' Jannar 2004:

> *'Illi l-azzjoni ntentata mill-attrici hija "l'azione sussidiaria de in rem verso [che] si concede nei casi nei quali non e esperibile l'azione ex contractu ed ha fondamento e limite nel vantaggio recato al terzo; per cui ove tale vantaggio mancasse tale azione non sarebbe esperibile" [App.C.* ***Giuseppe Scicluna vs Burges Watson*** *[1901]. Hija bazata fuq l-ekwita' u wiehed mill-elementi essenzjali taghha huwa l-indebitu arrikkiment li skond id-dottrina jista' jiehu l-forma ta' liberazzjoni ta' debitu. [App.C.* ***Wilbrahim Tennyson Ford vs George Galea*** *[1940].*
>
> *Il-fondament ta' din l-azzjoni, imsejha wkoll ekwitattiva jew sussidjarja, ghandha l-limiti taghha fil-vantagg li terza persuna takkwista u hija estisa ghall-kazijiet kollha li jkunu juru li kien hemm lokupletazzjoni effettiva a dannu ta' haddiehor in forza tal-principju jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem [PA* ***Vincent Parnis vs Avukat Dr.Giuseppe Vella [1955].***
>
> *Dwar l-elementi necessarji ghas-success ta' din l-azzjoni, din il-Qorti diversament presjeduta, osservet li jehtieg jikkonkorru tlett fatturi: "[1] Li l-haga li tkun giet versata, jew li tkun ghaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirrizulta ta' vantagg u utilita' tieghu; [2] li dak il-passagg tal-haga jkun sar b' titolu lukrattiv; u [3] li min ikun irceviha jkun sar aktar sinjur b' dak li jghaddi ghandu."'*

9. L-ewwel Qorti ddeċidiet li:

> *'Din il-Qorti tqies li d-digriet tas-16 ta' Novembru 2017 jsemmi biss li l-manteniment gie sospiz. Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma dahlitx fi kwistjoni dwar jekk il-manteniment li lahaq thallas kellux jigi rifuz lura lil missier Zack Valenzia. Fl-ebda hin ma gie msemmi li d-digriet tal-manteniment qed jigi revokat. Li ordnat il-qorti kien li l-manteniment jigi sospiz b' mod immedjat.*
>
> *Il-Qorti tqies li dak li qed jipprova jaghmel l-attur huwa li qed jipprova jottjeni hlas lura ta' manteniment li effettivament gie ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta'*

*Familja) u dan abbazi ta' digriet li ssospenda l-kontinwazzjoni tal-hlas ta' manteniment mis-16 ta' Novembru 2017 'il quddiem.*

*L-ezami ta' jekk kienx hemm hlas ta' manteniment allegatament zejjed mhallas mill-attur, m'huwiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Ma rrizultax li inghata digriet fejn il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ordnat lil omm Zack Valenzia jew lil Zack Valenzia jew lil entrambi biex ihallsu lura l-manteniment li thallas ghaz-zmien li Zack Valenzia ma baqax isegwi kors ta' studju full time. Ma rrizultax li kien hemm digriet li rrevoka l-ordni precedenti tat-30 ta' Mejju 2013 sabiex jithallas manteniment lil Zack Valenzia taht diversi pattijiet u kundizzjonijiet. Lanqas ma kien hemm digriet fis-sens li s-sosepensjoni kellha tibda titqies li tapplika mid-data li fiha Zack Valenzia waqaf isegwi l-kors ta' studju full time'.*

10. Ir-Regolamenti dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja), Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20 (*Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja))* jipprovdu:

*'2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jindikax mod ieħor:*

*(a) il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) huma rispettivament dawk is-sezzjonijiet tal-qrati kif stabbiliti bl-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili* kif riprodott fl-Iskeda*.'*

11. Paragrafu 4 tal-Iskeda li tifforma parti mill-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20 tipprovdi:-

*'4. Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li* ***jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili*** *u* ***li għandhom x'jaqsmu ma'****:*

*(a)* ***it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili****;*

*(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;*

*(ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;*

*(d) l-Att dwar iż-żwieġ; u*

*(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.*

12. Il-qorti tosserva:-

i. Hu fatt li kwistjoni ta' kompetenza għandha tiġi determinata minn kif l-attur jimposta t-talba. Pero' wieħed irid jikkunsidra wkoll l-eċċezzjonijiet (ara per eżempju sentenza ta' din il-qorti, **Paul Borg et vs Jane Vassallo** tal-15 ta' Diċembru, 2003).

ii. Il-materja dwar jekk kellux jibqa' jitħallas manteniment *pendente lite* lill-konvenuta skont id-digriet tat-30 ta' Mejju, 2013 kienet bla dubju ta' kompetenza tal-qorti familja. Fil-fatt id-deċiżjoni ngħatat minn dik il-qorti.

iii. Hu minnu li l-attur iddikjara li l-kawża li ppropona hi dik ta' arrikkiment indebitu fir-rigward tal-manteniment *pendente lite* li leħaq ħallas minn Ġunju 2015 sas-16 ta' Novembru, 2017. Dakinhar waqt is-seduta l-qorti tal-familja ordnat:

> *"Il-Qorti tissospendi b'effett immedjat il-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attriċi fir-rigward ta' binhom Zack Valenzia. Dan id-digriet qed jingħata b'referenza għar-rikors tal-konvenut tal-11 ta' Awwissu, 2017"*.

iv. B'dak id-digriet ġie biss sospiż il-ħlas tal-manteniment *pendente lite*. Il-qorti m'ordnatx li jitħallas lura l-manteniment *pendente lite* li tħallas minn Ġunju 2015 sas-16 ta' Novembru 2017. Id-digriet tas-16 ta' Novembru, 2017 hu *ex nunc* ċjoe minn dakinhar 'il quddiem u m'huwiex jirreferi għall-perjodu b'lura.

v. Sabiex l-attur ikollu suċċess f'din il-kawża jeħtieġ dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet tilfet il-jedd li tkompli tirċievi manteniment *pendente lite* għal binha għaliex waqaf milli jkompli kors ta' studju *full-time*. Kienet il-Qorti tal-Familja li kellha tikkunsidra jekk l-ordni tat-30 ta' Mejju, 2013 li bih l-attur kien kundannat iħallas manteniment *pendente lite*, kellhiex titħassar *ex tunc* jekk kif allega l-attur, Alexander Valenzia waqaf isegwi kors ta' studju full time (**Ingrid Valenzia proprio et nomine vs Alexander Valenzia**, Rikors 104/2009 deċiża fl-4 ta' April, 2019 u issa pendenti fil-Qorti tal-Appell). L-attur kellu opportunita' li jagħmel dik it-talba fil-kawża ta' separazzjoni u ma ħadhiex. Ma jistax issa jippretendi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), tagħmel dak li suppost sar fil-kawża ta' separazzjoni. Dan iktar u iktar meta l-kawża ta' separazzjoni kienet għadha pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-data li l-ewwel qorti tat is-sentenza (31 ta' Jannar, 2019). Il-qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħha meta tikkunsidra li fis-sentenza l-qorti tal-familja kkundannat lill-attur sabiex iħallas manteniment għall-ibnu. Hu fatt li l-każ għadu *sub judice*, pero' l-qorti qegħda ssemmi dan il-fatt sabiex turi kemm il-kwistjoni f'din il-kawża kellha tiġi determinata minn dik l-istess qorti sabiex tikkunsidra jekk il-manteniment *pendente lite* kellux jitħallas lura

*ex tunc* mid-data li fiha l-attur qiegħed isostni li ibnu waqaf isegwi kors ta' studju *full-time*.

13. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.**

Anthony Ellul.